# Beati u Qaddisin...Novembru

SAN KLEMENT PAPA

NOVEMBRU 23




Twieled madwar is-sena 30 gewwa Ruma minn genituri palestinjani. Huwa ghex it-tfulija u z-zoghzija tieghu fidil lejn il-principji tar-religjon ta' missieru. Imma meta San Pietru resaq lejn Ruma biex ixandar il-Kelma ta' Kristu kien fost l-ewwel dixxipli tieghu. Billi hajtu kienet tixhed dak li jemmen, Pietru kkonsagrah sacerdot biex jghinu fil-missjoni tieghu.

Wara l-mewt ta' San Pietru, l-insara riedu jaghzluh bhala s-successur tieghu, imma hu qies lilu nnifsu bhala wiehed li ma jixraqlux dik id-dinjita' u l-ghazla waqghet fuq Lino, u wara l-mewt ta' dan l-ghazla marret fuq Kletus. Imma meta dan ta'

l-ahhar halla hajtu fil-persekuzzjoni, Klement kellu jaccetta li jkun rghaj tal-knisja. Kien mexxej mimli zelu, jaf jitkellem u kittieb tajjeb: mertu tieghu li ghandna l-atti tal-martri ghax ordna sitt nutara biex jigbru dawn il-fatti.

Dak kollu li nafu fuq dan il-papa. Aktar minn hekk huwa leggenda jew tradizzjoni.

Il-hidma tieghu appostolika gibdet l-attenzjoni tal-persekuturi. Traino ried isikktu u heddu bil-mewt. Klement wera' il-kuragg tieghu ghax bhal Pietru u Pawlu stinka aktar ghat-tixrid tal-Vangelu biex jirbah aktar erwieh ghal Kristu.

Fl-ahhar it-theddida waslet. Gie arrestat u ntbaghat gewwa Chersoneso biex jahdem bhala prugunier. Hemm iltaqa' ma' bosta ulied il-knisja li bhalu hadu l-istess kundanna.

Kienu madwar elfejn ruh kollha ghaddejjin mill-istess tbatija: it-toqol tax-xoghol taht il-frosta ta' l-argusin, nuqqas ta' ilma biex jixorbu u fuq kollox nieqsa minn kull haga necessarja. Qalb il-papa nghafset ghall-krudelta' li kienu ghaddejjin minna u talab lil Alla biex ikollu hniena minnhom. Dehrlu anglu u urieh post fejn kellhom isibu l-ilma.



Ilkoll grew biex jixorbu minn dak l-ilma frisk.

Kawza ta' dan il-prodigju, hafna kienu l-pagani li haddnu l-religjon kattolika li taghha Alla huwa tant

Qawwi u Setghani.

Il-qalb ta’ Tirano aktar ibieset quddiem dan il-fatt, li ordna li jitefa’ fil-bahar b’ankra marbuta ma’ ghonqu.